MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 267/2008

**Albino Said (ID No 19652 M)**

**vs**

**Stephen Jason Muscat u martu Adele Muscat (ID No 49387 M u 144967M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat epprezentat mill-attur fis-17 ta' Marzu, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi in forza ta' skrittura privata datata 22 ta' Jannar 2003 il-konvenuti intimati obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-attur rikorrent is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm 4,500) / ghaxart elef erba' mija tnejn u tmenin Euro u tmintax il-centezmu (Euro 10,482.18) fis-sena, u dan fix-

xahar ta' Settembru ta' kull sena, u dan kif dettaljat fi klawsola numru tlieta tal-iskrittura privata in kwistjoni; u

Illi l-konvenuti intimati ilhom ma jhallsu l-ammont indikat ghal dawn l-ahhar tliet (3) snin, u cioe' l-hlas dovut ghas-sena 2005, 2006 u 2007, u ghalhekk ghandhom ihallsu lill-attur rikorrenti s-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija sitta u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (Euro 31,446.54) / tlettax il-elf u hames mitt lira Maltin(Lm 13,500); u

Illi l-ammont imsemmi huwa cert, likwidu u dovut, u ghalkemm il-konvenuti intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont imsemmi, huma baqghu inadempjenti, u ghalhekk ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont imsemmi; u

Illi fil-fehma tal-attur rikorrenti, il-konvenuti intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tal-attur rikorrenti;

Talab ghaldaqstant li l-konvenuti ighidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti intimati sabiex ihallsu s-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija sitta u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (Euro 31,446.54) / tlettax il-elf u hames mitt lira Maltin (Lm 13,500) u dan ai termini ta' klawsola numru tlieta (3) tal-iskrittura privata datata 22 ta' Jannar 2003, u dan ghal perjodu ta' tliet (3) snin, u cioe' ghas-snin 2005, 2006 u 2007;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali datata 14/9/06, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Mejju 2008 illi permezz tieghu, peress illi dehrilha illi l-konvenuti kellhom eccezzjonijiet x’jaghtu f’din il-kawza, akkordatilhom perjodu ta’ ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Stephen Jason u Adele konjugi Muscat, li *in forza* taghha huwa eccepew :

1) In linea preliminari in-nullita' dawn il-proceduri stante illi ma gewx segwiti ir-rekwiziti ta' l-artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Illi in oltre it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fit-termini tal-klawsola numru ghaxra [10] tad-dokument A, il-morozita' f’pagament wiehed kien iwassal sabiex l-iskrittura tigi xolta ipso facto;

3) salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu laqghet it-talba kontenuta fir-rikors ta’ l-attur tal-20 ta’ Gunju 2008 u awtorizzat korrezzjoni ossija annotament fir-rikors guramentat promotur, fis-sens illi fuq l-ismijiet tal-partijiet titnizzel il-frazi ordni ai termini tal-Artikolu 1672 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandkom tidhru quddiem il-Qorti hawn fuq indikata fil-jum u hin li jigu stabbiliti u notifikati lilhom wara li jaghlqu il-procedimenti bil-miktub tal-kawza u hemm premessi id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija il-provedimenti opportuni;

Rat illi permezz tad-digriet taghha tat-3 ta’ Novembru 2008 giet issorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u, b'referenza ghad-dokument a fol. 3 tal-process, l-iskrittura li saret bejnu u il-konvenut, gharaf il-firma tieghu u spjega li skond l-iskrittura privata illi iffirma mal-konvenuti il-konvenuti, kellhom ihallsuh is-somma ta' erba' telef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) kull sena ghal ghoxrin (20) sena u xehed illi wara sena il-konvenut kien qallu li ma riedx ihallsu aktar minghajr ma tah l-ebda raguni. L-attur xehed illi l-konvenut kien qallu li kien ser jibda jiehu hsieb il-kjosk hu u ihallsu is-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000). Kien qallu "inti hallasli il-permessi" u ma hallsu xejn. L-attur xehed illi l-konvenut kien hallsu biss l-ewwel sena, is-sena ta' wara tah is-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) u sussegwentement hu kien ghamel kawza ghad-differenza, jigifieri ghas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500). L-attur xehed illi il-konvenut kien kellmu u kien qallu illi l-gabbana ma kienitx qeghda tiggenera l-introjtu li kien qieghed jahseb hu u ghalhekk talbu innaqqaslu mis-somma illi kellu ihallsu.

Ikkunsidrat :

Illi xehed is-Sur Joseph Borg Cardona dwar garanzija bankarja bin-numru G63TFC 2887 mahruga minn Stephen Muscat, Adele Muscat u Albino Said. Huwa xehed illi dawn il-persuni kienu marru ghandu bil-garanzija sabiex din il-garanzija orginali tigi ikkancellata, u dan sar fis-sena 2007. Wara illi l-garanzija giet ikkancellata, inhargu "bills payable" fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) u f'dan is-sens inhareg cheque wiehed li kien "all to sign". Is-Sur Borg Cardona kompla jixhed illi c-cheque gie iffirmat minn Adele u Stephen Muscat fuq wara u il-bank sarraf ic-cheque bi zvista, peress illi ma kienx hemm il-firma ta' Albino Said, izda is-Sinjuri Muscat kienu infurmaw lill-bank li kienu ser jirrifondu is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) lis-Sur Albino Said.

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur in subizzjoni u ikkonferma illi skond l-iskrittura privata esebita a fol. 3 tal-process kien hemm imnizzel li jekk il-konvenuti ifallu hlas wiehed tal-pagament, il-ftehim kollu kien jaqa. Huwa ikkonferma illi effettivament huwa thallas fis-snin 2003 u 2004, izda ma irceviex pagamenti fir-rigward tas-snin 2005 u 2006 u 2007. L-attur, dejjem in subizzjoni, ikkonferma illi huwa ma hallas l-ebda licenzji, la tal-Malta Tourism Authority u lanqas tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet, ghaliex kienu ftehmu li kellu ihallas kollox il-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi hu u martu Adele kienu dahlu fi ftehim mal-attur sabiex jiggestixxu il-gabbana. Huwa xehed illi kien hu biss illi iggestixxa il-gabana u l-attur ma uriex interess la sabiex jitmexxa n-negozju, la biex ihallas il-kera u lanqas sabiex jara li l-permessi relattivi ikunu kollha imhallsa. Huwa kompla jixhed illi kien hemm zmien fejn hu u martu kienu qeghdin ihallsu il-pagament annwali ta’ erba telef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) lill-attur, izda sussegwentement, peress illi l-bejgh naqas u l-ispejjez biex titmexxa il-gabbana gholew, hu u martu ma setghux jibqghu ihallsu l-ammont pattwit lill-attur. Il-konvenut kompla jixhed illi l-klawsola numru 10 ta’ l-iskrittura datata 22 ta’ Jannar 2003 tistipula illi kemm il-darba il-konvenuti jaqghu lura fil-hlas ta’ pagament wiehed, il-ftehim jaqa, u ghalhekk ikkontenda illi huwa ma ghandu jhallas xejn lill-attur peress illi l-ftehim waqa u gie xolt fis-sena 2005 meta l-konvenuti ma hallsux is-somma dovuta lill-attur.

Illi l-konvenuta ikkonfermat ix-xiehda illi ta zewgha,

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut xehed in kontro-ezami illi l-attur ghad ghandu terz mill-gabbana u il-konvenuti ghandhom zewg terzi minn din il-gabbana li tinsab l-Ghadira, il-Mellieha. Il-konvenut ammetta illi hu u l-mara tieghu, ghadhom jiggestixxu din il-gabbana u illi illum il-gurnata il-permessi

ta' din il-gabbana qeghdin f'ismu u f'isem il-konvenuta, izda sussegwentement qabel illi hemm ukoll xi permess illi isejjah ukoll lill-attur. Huwa ammetta illi meta ghamel il-ftehim mal-attur kien ftiehem illi jaghti lill-attur is-sehem tieghu mill-profitti li taghmel din il-gabbana, jigifieri it-terz, u kienu qablu li dan it-terz kien jammonta ghas-somma ta' erba' telef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) fis-sena.

Illi in kontro-ezami il-konvenut ammetta illi ghandu jaghti flus lill-attur, izda ikkontesta l-ammont. Huwa xehed illi l-attur lanqas jersaq lejn il-gabbana, jiehdu hsieb ta' kollox inkluz hlas ta' licenzji u permessi hu u il-mara tieghu, il-konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-iskrittura esebita a fol. 3 tal-process u rat illi din l-iskrittura mhijiex l-originali u lanqas vera kopja ta' l-istess.

Huwa minnu li jinkombi lill-attur li jgib l-ahjar prova possibbli ghall-gudizzju tal-Qorti. Jidher li l-ahjar prova li esebixxa l-attur hija l-kopja fotosintetika esebita mar-rikors promotur, izda l-intimati ma ressqu ebda eccezzjoni f'dan is-sens. Lanqas m'hemm kontestazzjoni dwar l-ezistenza tal-istess skrittura jew il-kontenut taghha jew il-veracita' taghha. L-attur, permezz tax-xiehda tieghu datata t-22 ta' April 2009 (a fol 26 tal-process), irrikonoxxa l-firma tieghu fuq l-istess skrittura u iddikjara wkoll li l-firem rimanenti huma dawk tal-intimati, u l-intimati ma jikkontestawx illi dawk huma l-firem taghhom. Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis tali skrittura bhala prova sufficjenti tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

<u>Dwar l-ammont mitlub mill-attur</u>

Illi jirrizulta bl-aktar mod car li t-talbiet tal-attur jinkwadraw ruhhom fi tliet pagamenti ta' Lm4500 fis-sena (u cioe' dawk relattivi ghas-sena 2005 – 2007). Fir-rikors promotur u biex ikompli jigi precizat, lanqas fix-xiehda tal-attur innifsu, ma ssir ebda referenza ghall-ammont ta' Lm1000 relatata max-xoljiment tal-garanzija bankarja li kienet saret

mit-tlett partijiet u li dwarha hargu *bills payable* li bi svista issarraf minghajr il-firma tal-attur, bil-konsegwenza li l-intimati hadu l-Lm1000 appartenenti lill-istess attur. Mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intenzjoni tal-bank kienet dik li s-somma ta' Lm3000 (u cioe' l-garanzija bankarja) kellha tinqasam bejn it-tlett partijiet f'sehemijiet ugwali, izda bi svista, l-istess bank sarraf il-*bills payable* minghajr il-firma tal-istess attur, bil-konsegwenza li l-intimati sabu ruhhom b'Lm1000 aktar minn dak li kellhom jiehdu. Ghalkemm dan l-ammont jirrizulta pruvat, din il-qorti ma tistax tordna lill-intimati sabiex ihallsu lura dak l-ammont ta' Lm1000 imsemmi peress illi dan l-ammont mhux imsemmi fit-talbiet attrici. Lanqas ma jista' jinghad li tali ammont jista' b'xi mod jigi inkluz fl-ammont mitlub, u dan ghaliex hekk kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, fir-rikors promotur jidher car li l-ammont mitlub huwa l-pagament annwali miftiehem ghal tliet snin sussegwenti u ma jinkludix Lm1000 relatat mal-garanzija bankarja.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz ta' rikors li sar mill-atturi (a fol 14 tal-process) u sussegwentement permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti datat it-3 ta' Novembru 2008 (esebit a fol 21 tal-proċess).

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, il-Qorti tara illi klawsola numru 10 tal-iskrittura in kwistjoni hija waħda ċara u ma tħalli ebda ombra ta' dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet, u cioe' dik li wara l-morozita' ta' pagament wieħed, tali skrittura għandha titqies bħala waħda xolta u bla effett bejn l-istess partijiet. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza għall-prinċipju legali *pacta sunt servanda* u għall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".

*Ai termini* tal-istess Artikolu, il-Qorti sejra taghmel referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li **"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*";**

- **Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li **"*gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti*";**

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Qorti tal-Appell) u **Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) fejn gie ritenut li **"*l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda*";**

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Appell**),** b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li **"*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-***

***semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi*".**

Ikkunsidrat:

Il-Qorti thoss li f'dan l-isfond m'hemm ebda lok ghal talba sussegwenti sabiex tigi dikjarata xolta l-iskrittura. Mid-dicitura tal-istess skrittura, jirrizulta bl-aktar mod car li gjaladarba jkun hemm morozita' ta' pagament, allura l-ftehim jaqa' ghal kollox, u dan allura jfisser li ma jkun hemm ebda bzonn da parti ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet biex jitolbu t-terminazzjoni jew ix-xoljiment tal-istess skrittura.

Fid-dawl ta' dan kollu, allura, il-Qorti ser tara jekk it-talbiet tar-rikorrent, li jinkwadraw ruhhom f'talba ghal ammont li jezorbita l-ammont ta' pagament wiehed (u li allura necessarjament kien diga' wassal ghax-xoljiment tal-iskrittura), humiex legalment possibbli. Huwa mportanti li jigi osservat li jidher li hemm qbil fuq l-ahhar pagament li sar mill-intimati, jigifieri fis-sena 2004. Fil-fatt l-attur fix-xiehda tieghu datata t-2 ta' Marzu 2010 (a fol 44 tal-process) iddikjara li fis-sena 2005 ma hax pagament filwaqt li l-intimat permezz tal-affidavit tieghu esebit a fol 53 tal-process ikkorrabora dak li qal l-attur u ikkonferma li l-ahhar pagament li hu u martu ghamlu lill-attur kien fis-sena 2004. Ghall-finijiet ta' korrettezza, ssir referenza wkoll ghall-affidavit tal-intimata esebit a fol 53 tal-process, illi permezz tieghu ikkonfermat l-kontenut tal-affidavit tal-intimat zewgha. Dan allura necessarjament ifisser li *ai termini* ta' dak citat aktar 'il fuq u li hu relattiv mal-principju tal-*pacta sunt servanda*), l-iskrittura in kwistjoni setghet giet xolta immedjatament meta l-pagament sussegwenti (dak tas-sena 2005) ma thallasx.

Illi min-naha tieghu l-attur ikkontenda li l-iskrittura qatt ma setghet tigi xolta b'mod unilaterali u ghalhekk l-attur ghandu kull dritt li jitlob il-pagamenti relattivi ta' tlett snin. Il-Qorti taqbel li ftehim ma jistax jigi xolt b'mod unilaterali

izda dan l-argument ma japplikax ghall-kaz in ezami. Dan qieghed jinghad ghaliex gjaladarba l-iskrittura in kwistjoni hija l-ftehim vinkolanti bejn il-partijiet, allura zgur li ma jistax jinghad li x-xoljiment imsemmi f'Artikolu 10 tal-istess skrittura huwa wiehed unilaterali, anzi huwa xoljiment li seta' jigi attwalizzat b'mod awtomatiku li kieku l-attur ha l-passi f'dan ir-rigward. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attur meta jikkontendi li kien necessarju li tigi intavolata kawza apposita biex jigi dikjarat li tali ftehim huwa xolt, u dan qieghed  jerga' jinghad ghaliex tali xoljiment huwa pattwit, miftiehem bejn il-partijiet. Pero' dan bl-ebda mod ma jfisser li l-attur ma setax jirrinunzja ghal tali klawsola jew tali xoljiment.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-intenzjoni ta' tal- klawsola u lil min kienet intiza sabiex tipprotegi. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet  John Camilleri flimkien ma' Mark u Margaret konjugi Buttigieg vs Victor u Cyntha Hili, deciza nhar it-28 ta' April 2008, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri), (b'referenza ghal klawsola f'konvenju), irriteniet li kondizzjoni sospensiva intiza favur il-kumpratur, taghti d-dritt lill-istess kumpratur "*li meta jrid jirrinunzja ghal dan il-beneficcju*". Il-qorti thoss li l-klawsola numru 10 in kwistjoni hija klawsola sospensiva intiza sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-attur. Tant hu hekk li l-konvenut stess ikkonferma li din il-klawsola giet inserita fuq insistenza tal-istess attur. Il-fatt li l-istess attur ma hax passi biex igieghel lill-konvenuti johorgu mill-gabbana (ghaliex ma' ressaq ebda prova dwar dan), ghandha tittiehed bhala rinunzja tacita ghal tali klawsola li l-attur kellu kull dritt li jaghmel. Dan hu kkonfermat mix-xiehda tal-attur stess fejn jghid li ma jixtieqx iwaqqa' l-ftehim u ghalhekk, tali dikjarazzjoni hija prova konkreta tar-rinunzja tacita ghall-klawsola numru 10. Barra minn hekk, il-konvenut stess jikkonferma li baqa' jahdem fil-gabbana in kwistjoni u ghalhekk huwa certament kontra kull principju legali li tkun michuda talba ghal pagament u ghal zmien relattiv meta l-istess konvenuti baqghu izommu l-pussess tal-gabbana in kwistjoni, baqghu jahdmu minn fiha izda fl-istess nifs jippruvaw jargumentaw li l-iskrittura u l-ftehim ta' bejniethom kien xolt. Dan, li kieku kellu jigi aċċettat,

kien iwassal ghal sitwazzjoni ta’ *unjustified enrichment*. Skond it-tezi tal-konvenuti, dan il-ftehim gie awtomatikament xolt mal-morozita’ tal-ewwel pagament, pero’ ma jaghtu ebda spjegazzjoni legali ghala dan il-pagament dovut m’ghandux jithallas. Jghidu biss li l-introjtu mhux dak li hasbu li ser ikun, izda dan mhux raġuni valida sabiex il-konvenuti jaharbu mill-obbligu taghhom li jaghmlu l-istess pagament. Ladarba il-konvenuti huma tal-fehma li l-iskrittura giet xolta, allura kellhom ikunu huma stess li jergghu jaghtu lura l-pussess tal-gabbana wara l-morozita’ tal-ewwel pagament u mhux jibqghu jahdmu fiha u jippretendu li ghal dak l-istess zmien ma jhallsux il-pagamenti dovuti.

In vista ta’ dak suespost, din il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet attrici fl-intier taghhom.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawza billi, filwaqt illi tiddikjara illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti giet sorvolata, tirrispinġi l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u tilqa` t-talbiet attrici u tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' wieħed u tletin elf, erba' mija sitta u erbgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċentezmu (Euro 31,446.54) ekwivalenti għal tlettax il-elf u hames mitt lira Maltin (Lm 13,500), u dan ai termini ta' klawsola numru tlieta (3) tal-iskrittura privata datata 22 ta' Jannar 2003, u dan għal perjodu ta' tliet (3) snin, u ċioe' għas-snin 2005, 2006 u 2007. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------